**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1720/99 AJM

Kawza numru 27

The Village Bakery Ltd gia Andrews Bakery (Malta) Limited

Vs

Daniel Orsini

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-27 ta' Lulju 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici kienet inkarigat lill-konvenut sabiex ibiegh prodotti taghha lill-terzi u jirrifondi lura lis-socjeta' attrici l-prezz tal-oggetti mibjugha, wara li jkun thallas'commission' fuq l-istess bejgh; illi fuq tali bejgh l-istess konvenut ghad fadallu jhallas lura l-ammont ta' elf u tlett liri maltin u tmintax-il centezimu (LM1003.18) liema somma ghadha dovuta sallum, kif jirrizulta mill-prospett hawn anness Dok A; illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi, nkluzi permezz ta' ittra ufficjali datata Gunju 1997, huwa baqa' inadempjenti; illi l-ammont huwa cert,

likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 – 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att affidvait markat Dok B a tenur tal-ligi; talab li din il-Qorti:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Procedura;
2. tikkundannah ihallas is-somma ta' LM1003.18 rappresentanti prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Gunju 1997 u tal-Mandat ta'Qbid numru 4586/97 JA u bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt personalment gahs-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-22 ta' Settembru 1999 li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-6 ta' Ottubru 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;
2. illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi xi ammonti pretizi gew indebitament fatturati fuq l-eccipjent filwaqt li ammonti ohra diga gew imhallsa billi tnaqqsu mis-salarju li

l-eccipjent kien jippercepixxi mis-socjeta' Golden Harvest Mfg Co. Ltd biex illum l-eccipjenti mhux debitur tas-socjeta' attrici;

3. illi stante li s-socjeta' Golden Harvest Mfg Co. Ltd kienet tnaqqas ammonti mis-salarju ta' l-eccipjenti taht il-pretest illi kienet qed tithallas is-socjeta' is-socjeta' attrici, l-istess socjeta' Golden Harvest Mfg Co Ltd ghandha tigi kjamata fil-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' Novembru 1999 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-14 ta' Jannar 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' April 2001 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici qed tagixxi kontra l-konvenut ghas-somma ta' LM1003.18 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija (hobs) li lill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar a termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16.

L-artikolu citat mill-konvenut jikkoncerna l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.

Illi dan l-artikolu certament ma japplikax ghal kaz in ezami. Infatti l-merkanzija li s-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas taghha ma inbieghatx bl-imnut izda bl-ingrossa lill-konvenut li imbghad kien jbieghha lid-diversi hwienet u jigbor kummissjoni fuq l-bejgh. Igifieri dan mhux bejgh kif solitu maghruf "bid-dettal" izda pjuttost konsenja ta' merkanzija sabiex tigi negozjata mill-istess konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjes kontra tieghu u thalli l-kawza ghas-seduta ta' sabiex titkompla fil-mertu.

Onor Imhallef Albert J. Magri